KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 08

Il-Hamis, 22 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku Sarah Borg u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Sindku: Max Zammit, Vici Sindku: Sarah Borg,
Kunsilliera: Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat, Ronald Portelli

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 07 li saret nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Ismijiet tat-Toroq***; Is-Sindku spjega lill-Kunsill dak li kien diskuss mal-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq dwar *issues* dwar it-tismija tat-toroq fil-lokal. Waqt diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li:

1. Ikun hemm Estensjoni ta' Triq id-Deffa
2. Tabella ta' Triq Pietru Pawl Debono timxi ftit 'il fuq u tibda minn k/m Triq Onorato Bres u tasal sa k/m Ir-Rampa ta' Ta' Xbiex
3. (i) Triq Emmanuele Galizia tibqa biss dik bejn Triq Emmanuele Galizia u Triq Giorgio Mitrovich;
   (ii) Dwar il-parti tat-triq bejn Triq Giuseppe Cali` u Triq Testaferrata, il-Kunsillier Muscat ippropona li din tissemma ghall-ewwel Kappillan ta' Ta' Xbiex, Patri Gabriel Grech. Kien hemm qbil dwar dan hlief mill-Kunsillier Portelli li ssuuggerixxa li ghandhom jiġu kkunsidrati ismijiet ohra;
   (iii) It-triq bejn Triq Enrico Mizzi u Triq Emmanuele Galizia, kien hemm qbil li din tissemma Triq it-Torri.

4 PEDESTRIANISATION TRIQ IX-XATT

4.1 Is-Sindku staqsa jekk hux ser jerga' jsir bhas-sena l-ohra, li f'certu granet, Triq ix-Xatt tinghalaq ghal karozzi. Il-Kunsillier Muscat qal li hu jaqbel jekk issir bhas-sena l-ohra. Il-Vici Sindku qalet li hi kienet qed taqbel iżda li t-triq tinghalaq fis-6.00pm sabiex taghti cans lil min ikun qieghed jghum. Is-Sindku ppropona li dan ghandu jsir is-Sibt u l-Hadd, weekend iva u weekend le u t-triq terga' tinfetah f'nofs il-lejl. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.2 Ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega ma' TM dwar dan.

5 OUTDOOR GYM

5.1 Is-Sindku qal li grupp ta' zghazagh kienu wrew ix-xewqa li jsir outdoor gym fil-lokalita`. Il-hsieb taghhom kien li dan il-gym isir minn sponsors li kienu ser ifittxu huma u l-Kunsill kien jiehu hsieb il-maintenance u t-tindif ta' dan l-outdoor gym. Sfortunatament ma sabux l-isponsors mehtiega u

kkuntattjaw lilu. Is-Sindku qal ukoll li sadanittant, persuna ohra, kienet ikkuntattjatu dwar il-possibilta` ta' permess sabiex issir sauna fuq barra u li tkun tati ghal fuq il-bahar. Dan biex tinkera lil pubbliku ingenerali. Lil dawn tkellem maghhom ukoll dwar l-idea tal-outdoor gym u jistghux jghinu f'dan il-progett. L-ideja intghogbot u hemm komunikazzjoni bejn iz-zewg idejat. Is-Sindku qal ukoll li waqt laqgha li kellu ma' Lifestyle Insurance, kien semma dan il-progett tal-otdoor gym maghhom u qablu li jghinu. L-istima tal-progett kollu hija ta' madwar €35,000. Il-Kunsill ser ikun il-koordinatur ta' din l-inizjattiva. Parti minn dan il-ftehim li jista' jsir, irid jinkludi tindif u manutenzjoni ghal min jibda jiehu hsieb din is-sauna outdoor.

5.2 Il-Kunsill qabel mal-kuncett kif spjegat u ghandu jigi assigurat li ma jsirux abbuzi fih u jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-partijiet kollha.

6 KORRISPONDENZA

6.1 Tressaq quddiem il-Kunsill, il-Memorandum of Understanding bejn Il-Kunsill Lokali u l-Cleansing Department dwar it-tindif, il-manutenzjoni u l-attendenza mal-Public Convenience. Il-Cleansing Department qed joffru li jaghtu zewg haddiema fuq bazi full-time ghall-attendenza u t-tindif tal-latrina. Ser ikunu qeghdin jaghmlu wkoll il-manutenzjoni necessarja. Dan kollu ser ikun qed jiswa lill-Kunsill €2,700 fis-sena u dan skond kemm hu allokat ghal-latrini pubblici fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan l-MOU.

6.2 Sakemm jigu dawn, gie Community Worker gdid mal-Kunsill u qieghed jiehu hsieb il-latrina. Dan qieghed jahdem day in, day out, mit-8.00am sat-8.00pm u t-toilets qed ikunu aktar nodfa. Il-latrina qed tkun gurnata miftuha u gurnata maghluqa u fil-weekend tkun miftuha mid-9.00am sas-6.00pm.

6.3 Il-Vici Sindku qalet li taqbel li fil-weekends ikunu miftuha dejjem u forsi tinfetah aktar kmieni wkoll. Is-Sindku qabel ukoll ma' dan u qal li fil-weekends jista' jiftah fit-8.00am. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

7.1 ***Gieh Ta' Xbiex:*** Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku, sabiex din is-sena ma jinghatax il-premju Gieh Ta' Xbiex. Il-fatt li dan il-premju mhux bilfors jinghata kull sena, ikabbar is-sinifikat ta' Gieh Ta' Xbiex.

8 MISTOQSIJIET

8.1 Il-Kunsillier Muscat qal li l-Ambaxxata Libjana kienet ghalqet f'Ta' Xbiex u l-Kunsill ghandu jara ma' TM biex jitnehhew il-linji sofor li hemm quddiemha.

8.2 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li wara l-ilmenti li kienu saru, il-Vici Sindku kienet cemplet lis-Surgent sabiex tizdied il-prezenza tal-Pulizija fil-lokalita`. Il-Vici Sindku attendiet ghal laqgha mal-Pulizija u giet infurmata li kellu jsir survey mill-istess Pulizija. Sadanittant, dan is-Surgent m'ghadux fid-distrett.

Is-Sindku qal li issa hawn Surgent gdid li izda bhalissa jinsab b'injury on duty u li ghalissa qed jillimitalu l-hin fuq ix-xoghol. Huwa ssigerixxa li ssir laqgha bir-residenti mal-community police sabiex it-thassib taghhom jigi dirett lil Pulizija. Dwar ic-cctv's hu jahseb li dawn ghandhom isiru mill-Pulizija u monitored minnhom ukoll. Huwa qal li kien iltaqa' mas-Surgent il-gdid u infurmah li l-Kunsill ghandu Kunsillier responsabbli mis-sigurta` u kien hemm qbil li ssir laqgha ohra mieghu 'il quddiem u ssir ukoll il-laqgha mal-pubbliku.

8.3 Il-Kunsillier Cachia Castelletti qalet li bird baths jistghu isiru kemm fuq il-latrina kif ukoll fil-Housing Estate ghax hemm residenti li lesti jtuhom l-ilma u jiehdu hsibhom. Kien hemm qbil dwar dan.

9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

9.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 107 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

10. TMIEM

*10.1*Fis-7.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Max Zammit
Sindku